MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 385/2003

**APS Bank Limited**

**vs**

**Raymond Meilak u martu Anna Meilak**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-25 ta' Lulju tas-sena 2003 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu ikkundannati:**

**1. Ihallsu `in solidum' bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef, mija u tmienja u erbghin Lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu**

**(LM4148.47,0) dovuta kwantu ghas-somma ta' tlett elef disa' mija u tmienja u disghin Lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm3998.47,0) bhala bilanc ta' debitu ta' kont kurrenti numru 13264930010, (Dok A), u kwantu ghas-somma ta' mija u hamsin Lira Maltin (LM150.00,0) bhala bilanc ta' debitu ta' kont kurrenti numru 20000082564, (Dok B), ilkoll dovuti skond kuntratt ta' `overdraft' fl-atti tan-Nutar Remigio Zammit Pace tad-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena 2001 (Dok C);**

**2. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti "in solidum" bejniethom, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma' dan l-avviz u bl-imghax ulterjuri b'effett mit-30 ta' Gunju, tas-sena 2003 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti "in solidum", mil-lum ingunti ghas-subizzjoni;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Rat in-nota tal-konvenuti datata t-22 ta' Ottubru tas-sena 2003 li permezz taghha ammettew it-talbiet attrici kif dedotti;**

**Illi in vista ta' l-ammissjoni fuq indikata din il-qorti takkolji t-talbiet kollha attrici u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti Raymond u Anna konjugi Meilak biex ihallsu in solidum lis-socjeta' attrici APS Bank Limited l-ammont ta' erbat elef, mija u tmienja u erbghin Lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu, (Lm4,148.47,0), kif dedotti fl-avviz li ta' bidu ghall-procedura odjerna, bl-ispejjez.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------